MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**DEBORAH MIFSUD ATTARD**

Seduta tal-21 ta' Novembru, 2012

Talba Numru. 71/2012

**Go plc**

**Vs**

**Angela Borg**
**I.D. 11580(M)**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz tat-Talba fl-ismijiet premessi pprezentat fit-30 ta' Jannar, 2012 fejn is-socjeta' attrici talbet illi konvenuta ghandha tigi kkunddannata thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' tlett mija u sitta u tletin Ewro u sitta u disghin centezmu (€336.96) liema ammont huwa in konnessjoni mas-servizz tà kommunikazzjoni bl-akkont numru *AC40085475* moghtija mis-socjeta' attrici u dan kif ser jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tà din il-kawza u skond l-

annessi dokumenti Dok IZY 1 u Dok IZY2 prospett u applikazzjoni ghas-servizz relattiv.

Illi l-konvenut gie interpellat sabiex ihallas izda baqgha inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza.
Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali kontra l-konvenuta li minn issa hija ngunta ghas-subizzjoni.

Ra n-nota tal-mistoqsijiet tas-socjeta' attrici ghas-subizzjoni tal-konvenut sabiex iwiegeb ghalihom bil-gurament tieghu u biex b'hekk il-kreditu hawn pretiz jigi ppruvat (Artiklu 698(2) u 702 tal-Procedura Civili).

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm l-konvenuta giet debitament notifikat bl-Avviz, ma kkontestatx il-kawza fit-terminu preskritt mill-Ligi u lanqas ma dehret ghas-seduta tat-28 ta' Settembru, 2012 la ghal dik tat-2 tà Novembru, 2012 u lanqas ghas-seduta ta' llum.

Ra l-Kapitlu li gie pprezentat mis-socjeta attrici fis-seduta tat-2 ta' Novembru, 2012 u filfatt il-konvenuta naqset li tidher sabiex tirrispondi ghalih. In-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha titiehed bhala mistqarra.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta' attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvat, it-Tribunal jilqa' it-talba u jikkundanna lill-konvenuta thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' tlett mija u sitta u tletin Ewro u sitta u disghin centezmu (€336.96) bl-imghax legali mid-data tal-prezentata sad-data tal-hlas effettiv.

L-ispejjez tal-kawza jkunu a karigu tal- konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------